Sur President,

Sħabi Kunsillieri,

F'għeluq din l-ewwel sessjoni ta' dan il-Kunsill Ġenerali, irrid nirringrazzja lil kull min għen matul l-aħħar sena, sabiex il-partit baqa' preżenti f'kull qasam tal-ħajja f'pajjiżna.

Dan hu partit li twieled 125 sena ilu, iżda għandu il-fibra, l-idejat u l-ħeġġa ta' partit dinamiku, li jiftaħar bil-passat tiegħu, iżda ħarstu hija mitfugħa 'il quddiem. Għalhekk lil dan il-Kunsill tajnieh it-titolu ta' "Inġeddu s-Suċċess Flimkien." Tiġdid. Suċċess pero' flimkien.

Is-suċċessi tal-passat huma ħafna, varji, u importanti. Hawn xi ħadd f'din is-sala u barra minnha, b'idejh fuq il-kuxjenza, li għandu xi dubji li aħna aħjar illum minn tmien snin ilu meta ħadna r-riedni tal-pajjiż f'idejna? Tmien snin ilu taħt Alfred Sant konna immexxijin minn Gvern qed jaqa biċċa biċċa, li iblokka t-triq li nidħlu fl-Unjoni Ewropea, ħoloq *budget* mimli taxxi, u pajjiżna kien qed jogħtor taħt dak il-Gvern.

Illum daħħalna lil pajjiżna fl-Unjoni Ewropeja, poġġejna kif wehhidna l-finanzi fis-sod, ġibna 855 miljun ewro mill-Ewropa flok miljun u nofs, biddilna il-wiċċ ta' pajjizna b`riformi f`kull qasam, id-ditti tal-Gvern kienu zopop ġibnihom jimxu, u investejna bil-qawwi fl-edukazzjoni, saħħa, ambjent, it-toroq waqt li l-investiment barrani f`Malta far. X`differenza mill-1998!

U dana għamilnieh minkejja t-tfixkil u qtigħ il-qalb ta` profeti foloz; għamilnieh għax il-poplu feda fina u aħna fdajna fil-ħiliet tal-poplu tagħna.

Ma nagħmlux l-iżball li naħsbu li dan kollu waqa' mis-sema; jew li nieħdu kollox "for granted*".* Dan kollu ġara għax kellna Gvern immexxi b'viżjoni b'Prim Ministru li jħares 'il quddiem. Kemm qatgħulna qalbna – anki xi ekonomisti – li ma konniex se nilħqu l-kriterji ta' l-Ewro! In-nies huma iktar rari. Imma huma dawn ta' l-aħħar li b'kuraġġ jagħmlu dak li għandhom jagħmlu mingħajr biża' li jiġu kritikati. Għax iħarsu 'il quddiem u mhux sal-ponta ta' mneħierhom.

U l-ebda progress ekonomiku ma kien ikun possibli li kieku f'pajjiżna ma kienx hawn stabbilita' politika, paċi industrijali, u sigurta'. U bħala Ministru ta' l-Intern ippermettuli ngħid xi ħaġa dwar is-Sigurta'. Jekk ir-rata ta' kriminalita' naqset b'11% is-sena li għaddiet, u dis-sena kompliet tgħaddas rasha 'l isfel; jekk ir-reklutaġġ ta' Pulizija ġodda, flok bl-iskossi u intervalli twal, qed isir kontinwu u regolari, jekk is-successi fil-glieda kontra d-Droga huma kontinwi u bla heda, jekk

il-barranin, ibda mill-Ambaxxaturi u spiċċa bit-turisti, kollha jgħidulek li pajjiżna huwa *safe*, dawn l-affarijiet ukoll **ma waqgħux mis-sema**.

U dawn l-akkwisti saru minn Pulizija li trid taħdem f'soċjeta' demokratika. Minn Pulizija repressiva kontra ċ-ċittadin, illum għandna Pulizija moderna favur iċ-ċittadin . Żidna l-poteri tal-Pulizija, iżda żidnihom kontra il-kriminali. Liċ-ċittadin tajnih tarka kontra l-abbuż jew żbalji li jistgħu jsiru.

Bħala Ministru tal-Puliziija ma nsejt qatt iż-żmien meta l-uniformi tal-Pulizija kienet tnissel biza`, swat, u tortura.  Bħala attivist tal-Partit fiż-żmienijiet diffiċli, kont fuq quddiem nett fil-ġlieda għad-drittijiet tal-bniedem f`Malta.  Dana għamiltu senza interessi u flimkien ma' oħrajn.  F`dawk il-ġranet mudlama ftit kienu dawk li kienu lesti jiċċalinġjaw lil min kien qed jabbuża mill-poter.  Niftaħar illum bħala Ministru tal-Puliziija meta nara minn liema abiss mudlam ħareġ il-Korp tal-Pulizija minnu.  Dana mhux qed ngħidu għall-prosit iżda għax hekk hu.

Għalhekk il-Pulizija illum, mqabbla mas-snin tad-dlam, tgawdi il-fiduċja tal-maġġoranza kbira tal-poplu. Tagħmel unur lil pajjiżna u tagħmel unur lill-Gvern li dejjem għenha b'riżorsi finanzjarji u umani.

U dan sar waqt li ġiet fuqna u fuq pajjiżi ġirien tagħna  il-mewġa tal-problema ta' l-immigrazzjoni illegali. Problema li iffaċjajna b'responsabilita', billi qbadna t-triq tan-nofs b'idejna fuq il-kuxjenza, b'ġenerożita' ma' min ħaqqu l-għajnuna, iżda b'determinazzjoni li nħarsu l-interess nazzjonali mhux b'sens ta' nazzjonaliżmu falz u dejjaq, iżda b'imħabba u servizz għall-ġid ta' kulħadd.

Bħala Ministru ta' l-Intern għal dawn l-aħħar tmien snin, ngħid li dax-xogħol għamiltu minn qalbi, kien u għadu xogħol diffiċli, iżda għamiltu b'sens ta' servizz lejn il-poplu, il-Gvern u l-Partit. Biddilna liġijiet, ħloqna qafas legali ġdid għall-Pulizija, saħħaħna idejn il-Prosekuturi kontra il-kriminali, wettaqna riformi importanti fil-kamp tad-dritijiet ċivili.  U inħarsu dejjem `il quddiem. Nimxu mingħajr ma nieqfu b'għajnejna miftuħin biex inwettqu aktar ġid sa l-elezzjoni u warajha.

L-ewwel ġibna l-approvazzjoni li aħna preparati li ndaħħlu l-Ewro; u issa mexjin għall-ftuh ta` l-aqwa sptar tal-poplu li qatt kellu pajjizna, u fil-ħarifa inħabbru il-Budget li jibni u jikkonsolida fuq il-budget tas-sena li għaddiet.

U għaliex ġibna il-finanzi fis-sod nistgħu ninvestu fis-servizzi li jolqtu in-nies ħafna iktar minn qatt qabel, fl-edukazzjoni fl-ambjent fis-saħħa. Bl-Ewro ħadna ċertifikat li l-ekonomija tagħna hi fis-sod. U għaliex hija fis-sod, tista' tgħin is-servizzi importanti li l-Gvern joffri.

L-Edukazzjoni, l-Ambjent, it-Trasport, is-Saħħa, u fuq kollox l-Impenn għat-Tisħiħ tal-Familja.

Meta nitkellmu dwar il-valur tal-familja, nemmnu li dan in-nukliju fis-soċjeta' tagħna irridu nsaħħuh mhux bil-kliem, imma bil-fatti. Qed niftħu *Child Care Centres* għat-tfal ta' dawk l-ommijiet li jagħżlu li jaħdmu u qed nidentifikaw ċentri ġodda. Qed nibnu aktar faċilitajiet sportivi fl-Iskejjel tal-Gvern. Fil-qasam tad-djar bħalissa qed jinbnew 435 maisonette f'14-il lokalita' differenti, u se jibda il-bini fuq 400 oħra. U hemm applikazzjonijiet għal permess ta' 700 oħra.

Ħdimna biex lill-familji naqqasnilhom l-*Income Tax* fl-aħħar *Budget* b'sussidju ta' 12-il miljun lira. Aktar minn 500 mara gawdew minn *tax holiday* għal sena għax reġgħu marru jaħdmu.

Qed nagħtu attenzjoni speċjali għal familji li għandhom ħtiġijiet speċjali. Żidna l-għajnuna lill-volontarjat f'dan il-qasam, tajna refund ta' 15% fuq xiri ta' apparat għal persuni b'diżabilita', u skemi oħra ta' għajnuna biex isibu impjieg.

U fil-Budget li jmiss irridu inkomplu inwettqu miżuri favur il-familja - *family friendly measures* għax hekk tajjeb li jsir, fid-dinja tal-lum. Niftaħru li aħna demokristjani, u għalhekk irridu nsaħħu l-istituzzjoni tal-familja, il-ġebla tax-xewka tas-soċjeta'. U dan l-impenn favur il-familja irid ikompli kuljum.

Dan l-impenn rajnieh bla dubju ta' xejn fil-qasam ta' l-Edukazzjoni. 126 miljun lira f'sena waħda investiment fl-edukazzjoni. Lm1,400 f'kull tifel. 70% tat-tfal li jispiċċaw is-sekondarja, qed ikomplu bl-istudji tagħhom. Dan il-Gvern li l-avversarji tagħna jgħidu li qdiem u għejja, qed jimodernizza 138-il iskola, lesta l-Iskola Sekondarja ġdida ta' Ħal-Kirkop, ser jiftaħ skola sekondarja ġdida f'Ħal Qormi, qed jibni skola ġdida għas-subien f'Verdala, u qed jipproġetta skejjel ġodda fil-Mosta, Pembroke u Għawdex. Gvern għajjien sabiħ!!

Dan l-impenn tarah b`għajnejk fil-ħolqien ta` xogħol għalina u għal uliedna. Il-viżjoni tagħna ma hiex sal-ponta ta `imneħirna. It-twaqqif ta` Smart City, il-ħolqien ta` impjiegi ġodda bħas-sena l-oħra fejn inħolqu 6,000 impjieg ġdid, l-investiment ta` Lufthansa Teknik, l-investiment fil-*Call Centres*, l-investiment ta` 575 miljun f`sena waħda is-sena l-oħra, dawn mhumiex biss ghall-ġenerazzjoni tal-lum iżda għall-ġenerazzjoni ta` għada. Biex dil-ġzira żgħira tkompli twettaq il-miraklu ekonomiku taghha.

U fil-kamp tas-saħħa ma rridux ninqdew b`dak li hu suffiċjenti biss. Irridu noffru l-aħjar lill-poplu tagħna. U ma rridu lil ħadd itellifna minn din il-viżjoni tagħna. Konna aħna li ġġelidna favur l-għażla fil-qasam tas-saħħa, erġajna ftaħna l-isptarijiet privati `f`pajjiżna . Iżda ma jkun hawn qatt għażla vera jekk ma jkollniex sptar tal-Gvern li joffri l-aħjar servizz, U bl-Isptar Mater Dei, se noffru l-aħjar li qatt stajna noffru fil-qasam tas-saħħa għax hekk jixraqlu il-poplu tagħna.

Biex sar dan kellna noħolqu prijoritajiet. U għalhekk forsi uħud minna xi kultant inħossu li setgħet saret xi ħaġa oħra jew imissu saret qabel oħra. Pero' trid tiddeċiedi u tiddeċiedi fl-interess tal-pajjiż kollu. Din hi l-għażla li qatt ma bżajna

nagħmlu. L-iżball jagħmlu biss min jiddeċiedi. Min ma jiddeċiedi xejn, jordna l-istudji u jiddikjara li m'għandux pożizzjoni u joqgħod dejjem gallarija – dak żball ħajtu kollha.

Jekk dan il-partit ilu jghix 125 sena bla interruzzjoni, bilfors li kien u għadu forza ta' ġid f'pajjiżna. Iżda dan ġara ukoll għax irnexxilu jagħraf jiġġedded. Tiġdid fin-nies. Tiġdid fl-idejat. Huma għandhom kap li ilu hemm 15-il sena, jaspira, dejjem jaspira biex ikun fil-Gvern. Aħna għandna Kap li ilu fit-tmexxija tliet snin u wettaq il-miri ekonomiċi ta' pajjiżna kif wiegħed li se jagħmel. Aħna bis-saħħa tagħkom li ssostnuna dejjem mimlijin b'idejat, proġetti, u viżjonijiet ġodda; huma mhedijin bi pjani ta' ftit paġni, ħafna minnhom minestra msaħħna u idejat riċiklati.

Pero' importanti li t-tiġdid isir flimkien. Is-saħħa tal-Partit Nazzjonalista dejjem kienet l-għaqda. Mhux ir-regimentazzjoni. Mhux l-assimelazzjoni ta' kulħadd fl-idejat; mhux partit b'tmexxija ta' oppressjoni, biex tkun magħqud bil-fors, dik mhix għaqda tkun iżda dittatura. L-għaqda fisser li filwaqt li kulħadd igħid tiegħu, inkunu dejjem leali lejn il-prinċipji tal-Partit. L-għaqda tfisser li l-ambizzjonijiet ta' kull wieħed minna ikunu sottomessi u sekondarji għall-ġid tal-Partit.

Flimkien fisser ukoll l-għajta li dejjem dwiet fil-Kunsilli tagħna, fil-programm u politika tagħna, fid-diskorsi tal-mexxejja tagħna – li ħadd ma jibqa' lura. M'aħniex liberali, aħna nazzjonalisti u demokristjani. Fil-ġirja tagħna 'il quddiem, irridu naraw li ħadd ma jaqta' nifsu. M'aħniex favur kapitaliżmu sfrenat għalkemm dan sar popolari u skond il-moda, u lanqas m'aħna partit li jemmen li l-Gvern irid jiddeffes f'kollox. Iżda aħna nżommu d-dritt li min jaqa' lura nibbutawh 'il quddiem, li min għandu bżonn imbuttatura fil-ħajja nagħtuh l-għajnuna, li ma nitifux qatt il-kuxjenza soċjali tagħna.

Din il-viżjoni tal-Partit ma tieqafx sa l-elezzjoni li jmiss. Il-viżjoni tagħna għall-ġejjieni hija li nkunu ċentru ta' l-eċċellenza, ta' dak li hu l-aħjar fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fit-teknoliġija ta' l-informatika u fl-oqsma oħra tal-ħajja. Il-mira tagħna hi li, sas-sena 2015, fażi wara fażi, stadju wara stadju, nilħqu l-għan tagħna f'dawn l-oqsma.

B'hekk inkunu għaddejna s-serħan tal-moħħ li ġibna għal pajjiżna bl-indipendenza fl-1964, bil-kisba lura tal-liberta fl-1987 u bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja fl-2004, lill-generazzjonijiet ta' għada.